# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1731

Każ Nru 2332/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Anton Grima

u

Univentor Limited

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 18 ta' Ottubru 2006

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul mill-Avukat Ray Zammit f'isem Anton Grima fil-15 ta' Novembru 2005 li fih ġie allegat li l-istess Anton Grima ġie liċenzjat mis-soċjetà Univentor Limited fis-27 ta' Ottubru 2005 għal raġuni ngusta u mhux suffiċjenti. Is-soċjetà appellata li kienet rappreżentata minn Ms Sophia Buckland, *Managing Director*, assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona, innegat dan.

Saru sitt seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba differimenti twal li ntalbu waqt is-smiegħ tal-każ kif ukoll minħabba nuqqas infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f'pożizzjoni li jiddeċidi l-każ fiż-żmien preskritt.

## 2. Fatti tal-Każ

Fis-27 ta' Ottubru 2005 sar inċident li matulu l-Appellant kien involut fi kwistjoni ma' impjegat ieħor waqt il-ħin tax-xogħol u allegatament imminaċċja superjur tiegħu u irrifjuta ordni tal-*Managing Director* li jirrapporta fl-uffiċċju tagħha fejn wara insistenza minnha eventwalment mar u ġie offrut li jirriżenja u meta irrifjuta ġie liċenzjat. L-Appellant jiċħad dan. Jgħid li kien sistematikament imnibbex minn sħabu u l-kwistjoni li kellu kienet fil-post tax-xogħol tiegħu ma' impjegat ieħor li nqala'

minn postu u mar ħdejh. Jgħid li mhux veru imminaċċja s-superjur tiegħu u jammetti li ma obdiex lill-*Managing Director* mall-ewwel għad li eventwalment tela' fl-uffiċju tagħha. Jgħid li fis-26 sena li ilu jaħdem mal-Kumpanija Appellata kellu *warning* wieħed biss li jmur lura xi għaxar snin u li dejjem qeda d-doveri tiegħu sewwa.

**3. Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu fatti dwar inċident li jidher li huwa relattivament żgħir iżda li spiċċa biex l-Appellant tilef il-post tax-xogħol tiegħu minħabba fih. Jirriżulta b'mod ċar mill-provi li l-Appellant kien xi ftit nervuż, kellu dak li l-Ingliżi isejħu "*short fuse*", u kien jirreaġixxi f'malajr għal xi kummenti li jkunu saru mill-kollegi tiegħu partikolarment fuq il-politika. Mill-banda l-oħra jirriżulta li mhux darba u tnejn kien ikun provokat jew imnibbex kemm minn kummenti kif ukoll dwar x'jinstemgħa fuq radju li jidher li kien kontinwament idoqq. Fl-atmosfera klawstrofobika ta' ditta żgħira ta' 16 ir-ruħ ma setax jonqos li kien hemm ingredjenti biżżejjed biex għal kwalsiasi raġuni kull kwistjoni, żgħira kemm hi żgħira, tisbroffa f'xi inċident.

Il-mod kif l-Appellant kellem lill-*Production Manager* tiegħu, anke jekk wieħed jassumi li sebgħu f'wiċċ il-*Manager* kien biss mod ta' espressjoni tiegħu li kien jirraġuna b'idejh barra minn b'ilsienu, kif ukoll ir-rifjut inizjali tiegħu li jitla fl-uffiċju tal-*Managing Director*, u b'hekk ma jobdix talba leġittima, ipoġġu lill-Appellant f'dawl ħażin. Fil-keffa l-oħra tal-miżien hemm il-karriera twila lavorattiva tal-Appellant, il-fatt li kien jaqdi sewwa d-doveri tiegħu, l-inbiex li kien ikollu u l-atmosfera kważi ostili li kien iħabbat wiċċu magħha.

It-Tribunal innota ukoll li l-Appellant kellu kontra tiegħu twissija waħda biss u din tmur lura xi għaxar snin u kienet in konnessjoni ma' rappurtar tard għax-xogħol. In-nuqqas ta' twissijiet bil-miktub jew bil-fomm jindika li l-komportament tal-Appellant għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol kien wieħed normali u ma kienx jagħti lok għal xi azzjoni dixxiplinarja. Issemmew xi inċidenti li kien hemm iżda dawn, li anke dwarhom hemm ċertu dubju, qatt ma laħqu livell ta' rapport lis-superjuri tiegħu u għalhekk ma setgħux ikkontribwew għal liċenzjament tiegħu.

Dan it-Tribunal seħaq kemm il-darba li s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija kellha tkun applikata f'każi verament serji. Barra minn hekk wieħed irid jikkonsidra t-test tas-suffiċjenza. In-nuqqasijiet li bihom ġie addebitat l-Appellant kienu ta' serjetà biżżejjed biex jiġbdu fuq l-Appellant is-sanzjoni estrema ta' liċenzjament? Steven D Anderman jgħid hekk: *"Where an employment tribunal considers that a dismissal is so severe that it falls outside the reasonable responses of reasonable employers, it has the discretion to find the dismissal unfair on that ground alone. Indeed, where its evidence discloses that the penalty is 'extremely harsh' it may be a perverse judgment to find a dismissal fair"*[1]

---

[1] "The Law of Unfair Dismissal" ta' Steven D Anderman 3rd edition. Butterworths paġna 184

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-liċenzjament tal-Appellant Anton Grima minn ma' l-Kumpanija Appellata Univentor Limited ma kienx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**5. Kumpens**

Peress li l-Appellant ma kienx qed jitlob li jiġi mogħti mill-ġdid il-post li minnu ġie liċenzjat it-Tribunal mhux qed jordna li l-Appellant jingħata lura x-xogħol li kellu. Wara li ra l-artikolu 81 (2)a tal-Kap 452 u wara li kkunsidra l-fatti kollha tal-każ kif ukoll il-ħajja lavorattiva ta' 26 sena nterament mal-Kumpanija Appellata, il-fatt li ilu bla xogħol għal ftit inqas minn sena, l-età tiegħu dan kollu attenwat b'xi nuqqasijiet li setgħu kkontribwew għal liċenzjament tiegħu t-Tribunal jillikwida l-kumpens li jrid jingħata lill-Appellant fl-ammont ta' Lm6000. Dan għandu jitħallas in kwantu għal Lm3000 immedjatament. Ir-rimanenti Lm3000 għandhom jitħallsu mhux iktar tard minn xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**6. Drittijiet**

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja